# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA
# IMĦALLEF
# ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 30 ta' Jannar, 2023**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru 1716/2022 fl-ismijiet:**

**Ergys Keco (Passaport Albaniz Numru BR2975779) debitament rappresentat mill-Mandatarja Specjali tieghu l-Avv. Dr Sarah Sultana (K.I. 0012581M)**

**VS**

**Mr Green Limited (C43260)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tas-socjeta' Mr Green Limited (C-43260) tal-10 ta' Jannar 2023 maghmul ai termini tal-**artikolu 44(1)(a) u (c) tar-Regolament Ewropew EU1215/2012**.

Rat id-Digriet taghha tal-11 ta' Jannar 2023.

Rat illi l-Avukat Sarah Sultana noe. giet notifikata fis-16 ta' Jannar 2023.

Rat ir-Risposta ta' l-Avukat Sarah Sultana noe. tat-23 ta' Jannar 2023.

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rikors taghha, is-socjeta' Mr Green Limited spjegat illi hija kienet kolpita b'Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv 1716/2022, intavolat mill-Avukat Sarah Sultana noe u in segwitu ghall-liema, hija anke bdiet proċeduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex ai termini ta' l-**artikoli 45** u **46 tar-Regolament** msemmi, (kopja ta' liema proceduri gew anke esebiti), ma tigix rikonoxxuta u esegwiti f'Malta, sentenza mogħtija mill-Oberwat District Court gewwa l-Awstrija.

Illi fost ir-raġunijiet mogħtija minn Mr Green Limited ghat-talba taghha taħt ir-**Regolament (UE) 1215/2012** biex is-sentenza Awstrijaka ma tigix rikonoxxuta, hemm l-allegazzjoni illi tali sentenza tmur manifestament kontra l-istrategija pubblika (ordre public) tal-istat membru indirizzat, ossia, Malta.

Illi s-socjeta` rikorrenti Mr Green Limited tikkontendi illi gja la darba hija ressqet dawk il-pretensjonijiet quddiem il-Qrati u ghall-gudizzju tal-Qrati, allura ai termini tar-**Regolament (UE) 1215/2012** hija ssosstni illi sakemm tiġi deċiża din il-kwistjoni fil-kawża msemmija (Nru 20/2013 pprezentata fl-10 ta' Jannar 2023), din il-Qorti għandha tissospendi l-esekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv bin-numru 1716/2022.

Illi f'dan is-sens u ghal precizjoni, it-talba hawnekk maghmula mis-socjeta' rikorrenti Mr Green Limited hija taqra hekk:

1. ***Tordna <u>provvizorjament</u> illi jigu limitati l-effetti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1716/2022 bil-konsegwenza li ma jsir ebda zbank ta' cedoli u flejjes mis-sekwestranti sakemm jigi deciz r-rikors odjern, u dan b'notifika u/jew komunika urgenti lir-Registratur tal-Qrati Civili;***

2. ***Tordna illi l-madat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1716/2022 fl-ismijiet Ergys Keco (Passaport Albaniz Numru BR2975779) kif debitament rappresentat mill-mandatarja specjali tieghu l-Avv. Sarah Sultana (KI 0012581M) vs Mr Green Limited jigi limitat ghal mizuri kawtelatorji ai termini tal-Artikolu 44(1)(a) tar-Regolament Brussels I Recast (UE) Nru 1215/2012 u/jew alternattivament tissposspendi l-ezekuzzjoni tal-istess mandat ta' sekwestru in parte, inkluz izda mhux limitat, billi twaqqaf kwalunkwe zbank jew tigbid ta' kwalunkwe flejjes depositati mis-sekwestratajri min naha ta' Ergys Keco u d-debiti rapprezentanti tieghu ai termini tal-Artikolu 44(1)(c) tar-Regolament Brussles I Recast (UE) Nru 1215/2012, u dan sakemm jigi deciz b'mod definittiv ir-rikors li qed jigi pprezentat kontestwalment bejn l-istess partijiet.***

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illl fid-9 ta' Dicembru 2022 gie intavolat il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-numru 1716/2022 , u gie akkordat fis-16 ta' Dicembru 2022.

Illi dan it-Mandat Ezekuttiv intalab bis-sahha ta' decizjoni tal-Oberwat District Court gewwa l-Awstrija tad-9 ta' Awissu 2-21 (Kawza Nru 2C 519/21w-11), kkonfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Jannar 2022 mill-Elsenstadt Regional Court, u li jidher illi kkundannat lis-socjeta` rikorrenti thallas ammont ta' flus bl-imghax.

Illi is-socjeta` sekwestratarja Credorax Bank Limited ghaddiet biex iddepoziatat fir-Registru tal-Qorti is-somma pretiza bil-Mandat msemmi, inkluz mill-imghax u spejjes kif mitlub, u dan permezz ta' cedola ta' deposit utas-6 ta' Jannar 2023.

Illi fl-10 ta' Jannar 2023, is-socjeta` rikorrenti, flimkien u kontestwalment ma' dan ir-rikors, resqet kawża bin-numru ta' riferenza 20/2023, li permezz tagħha qed titlob illi d-decizjoni tal-Qorti Awstrijaka illi ghaddiet in gudikat hemmek, ma tiġix magħrufa u esegwiti f'Malta skont l-**artikoli 45** u **46 tar-Regolament (UE) 1215/2012**.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti għas-sospensjoni tal-mandat 1716/2022 hija maghmula ai termini ta' l-**artikolu 44(1)(a) u (ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012**, li jaqraw hekk:

***Artikolu 44***

*1. Fil-każ ta' talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenza skont is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3, il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat tista', fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni:*

*(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtolatorji;*
*(b) ……………………………………………….; jew*
*(c) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom.*

Kif gja kellha okkazjoni tesprimi din il-Qorti anke diversament preseduta[1], *biex jista' jitħaddem dan l-artikolu hemm bżonn li l-ewwel jintwera li jkun hemm pendenti talba għar-rifjut tas-sentenza skont l-**artikolu 46 tar-Regolament***. Dan il-kriterju jinsab sodisfatt bil-fatt illi jirrizulta illi hemm pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta, kawza bin-Nru 20/2023 proprju ghal dan il-ghan.

[1] 825/2021CFS ***LOTTO HESSEN GMBH VS DEUTSCHE LOTTO UND SPORTWETTEN LTD 11.10.2021***

Illi l-Qorti trid tqis issa jekk hemmx raġunijiet bizzejjed ghaliha biex hi tissospendi l-proċediment tal-esekuzzjoni tas-sentenzi barranin hawn fuq msemmija bil-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv msemmi. Biex taghmel dan, din il-Qorti hija ħielsa li taċċetta jew tiċħad it-talba għas-sospensjoni skont id-diskrezzjoni prudenti tagħha.

Ukoll, fi proceduri bhal dawn, il-Qorti trid tara żewġ affarijiet ewlenin, ossia (a) jekk ir-rikorrent għandux mad-daqqa t'għajn argument validu biex jikkontesta l-għarfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza barranija, u (b) il-konsegwenzi li jistgħu jbatu l-partijiet jekk tintlaqa' jew ma tintlaqax it-talba għas-sospensjoni kif mressqa.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Tqis fir-rigward tal-<u>ewwel element</u> hawn fuq msemmi, illi hija mhix ser tara jekk is-socjeta` rikorrent għandiex raġun tattakka l-għarfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza – dik ser taghmilha din il-Qorti kif diversament preseduta meta tiddeciedi il-kawza 20/2023. Li trid tara din il-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa biss jekk is-socjeta` rikorrent għandiex dak li jidher, mqarr mad-daqqa t'ghajn, ragunijiet illi jinhtieg illi jigu mistharrga f'aktar profondita` u b'aktar dettal u attenzjoni kif mistenni jsir fil-kawza msemmija, ghaliex hawnekk il-kejl li jinhtieg illi jintuza huwa dak biss tal-*probabilis causa litigandi* u mhux tal-*iusta causa litigandi*.

Illi s-socjeta` rikorrenti ssostni bhala punt ta' principju legali illi s-sentenzi Awstrijaci imorru manifestament kontra l-istrategija pubblika (ordre public) ta' Malta. Dan issostnih billi tallega illi hemm monopolju tal-gaming gewwa l-Awstrija moghti lill-koncessjonarji Casinos Austria AG u Osterreichsiche Lotterien GmbH u dan ma jistghax jikser anke ligijiet Ewropej billi operaturi ohra Ewropej bhal dawk Maltin, inkluz is-socjeta' rikorrenti, jitqiesu illi ma jistghux joperaw fil-gurisdizzjoni Awtrijaka. Tghid illi s-sentenzi Awtrijaci kkontestati

jistriehu fuq il-ligijiet Awstrijaki kif inhuma u jaghtu d-dritt lil gukatur Awstrijak illi jirkurpra flus illi tilef fil-loghob tieghu mas-socjeta' rikorrenti. Huwa ghalhekk illi ssostni illi dawn is-sentenzi huma manifestament kontra l-ordni pubbliku (public policy) Malti u Ewropew, peress illi jirrikonoxxu stat ta' fatt fl-Awstrija illi qed jigi allegat illi jivvjola wahda mill-erba' movimenti fundamentali tal-Unjoni Ewropeja, il-moviment hieles tas-servizzi kif protett bl-Artikolu 56 tat-TFEU. Oltre` minn hekk, dan l-istat ta' fatt, qed jigi allegat illi jivvjola l-qafas legislattiv Malti dwar il-*gaming*.

Il-Qorti tqis mhux biss kumplessa imma anke interessanti din l-allegazzjoni/pretensjoni illi qed tressaq is-socjeta' rikorrenti u certament ma tistghax ma tqis illi l-mertu tal-kawza pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta, huwa mertu illi jimmerita illi jigi mistharreg f'aktar dettal bil-ghan illi l-pretensjonijiet illi qed tressaq is-socjeta' rikorrenti jigu decizi wara process idoneju u skrutinju tal-posizzjonijiet rispettivi b'mod car u dettaljat, fil-kuntest ta' ligijiet u gurisprudenza mhux biss lokali imma anke Ewropeja.

Il-Qorti qieset ukoll is-sottomissjonijiet estensivi maghmula mill-intimata noe. fir-rigward, li, filwaqt illi huma kollha mertu, b'danakollu jkomplu jikkonfermaw kemm ser ikollha x'tixtarr il-Qorti meta tigi trattata u deciza il-kawza fil-mertu. Imma tkun pruzuntuza din il-Qorti jekk tikkumenta ulterjorment dwar dak sottomess mill-intimata noe. fir-rigward, peress illi mhux kompitu ta' din il-Qorti f'din l-istanza illi tippronunzja ruha dwar il-mertu tal-pretensjonijiet tas-socjeta' rikorrenti kif postulati fir-rikors 20/2023.

Il-Qorti ser tieqaf hawn fuq il-mertu peress illi ma jkunux idoneju illi jinghad aktar dwaru hawnekk, u dan peress illi din il-kwistjoni trid tigi determinata bl-ezitu tal-kawża 20/2023. Il-Qorti pero` tqis illi ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri odjerni u fil-kuntest ta' dak hawn fuq spjegat, is-socjeta' rikorrenti tidher illi għandha argument dibattibli biex tikkontesta l-għarfien tad-deċiżjonijiet tal-Qrati tal-Awstrija.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fir-rigward tat-tieni element msemmi aktar il-fuq, u cioe` dwar il-konsegwenzi illi parti jew ohra tista' tbati jiddependi minn jekk jintlaqax jew le ir-rikors odjern. Li trid tara l-Qorti hawnhekk huwa jekk it-tkomplija tal-esekuzzjoni tas-sentenza hux ser toħloq preġudizzju akbar lis-socjeta' rikorrenti milli lill-intimata noe. jekk kemm-il darba l-esekuzzjoni tas-sentenza tiġi sospiża. Huwa dan il-bilanc illi jrid jintlahaq.

Il-Qorti tqis illi l-partijiet ma semmew xejn dwar il-preġudizzju li jistghu jsofru skond ic-cirkostanza. Tqis ukoll pero` illi permezz ta' cedola ta' depositu ta' Credorax Bank Limited tas-6 ta' Jannar 2023, is-somma **kollha** pretiza bil-Mandat, ossia dik ta' EUR5656.83 inkluz mis-sorte, imghax u spejjes, giet depositata fir-Registru tal-Qorti u ma tirrizultax sa issa illi giet zbankata. Ghal Qorti dan joffri serhan tal-mohh illi l-pretensjoni tas-sekwestrant hija ben kawtelata, partikolarment jekk kemm il-darba jigi milqugh dan ir-rikors kif ser jinghad aktar l-isfel, u allura pendenti l-proceduri 20/2023. Ma hemmx dubbju illi s-sekwestrant mhu ser isofri ebda pregudizzju. Il-Qorti tqis ukoll illi l-ammont depozitat mhux xi wiehed ezorbitanti u ghalhekk lanqas ma tikkunsidra illi tkun qed issorfri pregudizzju is-socjeta` rikorrenti jekk l-ammont msemmi jibqa' depositat fir-Registru tal-Qorti pendenti l-imsemmija kawza.

**Għaldaqstant,** il-Qorti, wara illi ghamlet l-fuq konsiderazzjonijiet u għar-raġunijiet fuq imsemmija, qed taqta' u tiddeciedi r-rikors tas-socjeta` Mr Green Limited tal-10 ta' Jannar 2023 billi:

1. **Tastjeni** milli tipprovdi dwar l-ewwel talba peress illi ma jirrizultax mill-atti illi sal-llum il-flus depositati bic-cedola ta' depositu ta' Credorax Bank Limited tas-6 ta' Jannar 2023, fl-ammont ta' EUR5656.83 gew zbankati.

2. **Tilqa'** t-tieni talba, fis-sens illi tordna illi ghandhom ikunu sospizi l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 1716/2022 pprezentat fid-9 ta' Dicembru 2022 u akkordat fis-16 ta' Dicembru 2022 u konsegwentament tordna illi ma ghandu jsir ebda zbank tal-flejjes depositati bic-cedola ta' depositu ta' Credorax Bank Limited tas-6 ta' Jannar 2023, fl-ammont ta' EUR5656.83, u dan sakemm tigi determinata b'mod definittiv il-kawza 20/2023, llum quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

3. **Tordna** n-notifika ta' dan id-digriet lir-Registratur tal-Qrati Civili u tordna ulterjorment illi kopja ta' dan id-digriet jigi inserit fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv numru 1716/2022 hawn fuq msemmi.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjes rispettivi taghha.

**Digriet moghti *in camera*,** illum it-Tnejn, 30 ta' Jannar, 2023.

**Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**